MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 766/2012

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Christian Spiteri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Bank of Valletta p.l.c. li, in forza tieghu, wara li ppremetta:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Roberta Bisazza datat 20 ta' Gunju 2003 (Dok. "A") kif ukoll fl-iskrittura privata datata 14 ta' Jannar 2004 (Dok. "B"), is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Christian Spiteri;

2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Christian Spiteri fis-somma ta' hamsa u tletin elf,

tlett mija u wiehed Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€35,301.29) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts"* ta' Christian Spiteri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C1 sa C3" u "D1 sa D7"), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-15 ta' Gunju 2012 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mil-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dokumenti "A" u "B"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Christian Spiteri;

(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Christian Spiteri li jipperikolaw jew jaffetwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenut Christian Spiteri gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 18 ta' Mejju 2012, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok 'E' sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda huwa baqa' inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talab il-konvenut jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dokumenti "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Christian Spiteri (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Christian Spiteri li

jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici, u

2. Tikkundanna lil Christian Spiteri jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ hamsa u tletin elf, tlett mija u wiehed Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€35,301.29) bilanc ghad-debitu fil-*“Loan u Overdraft Accounts”* ta’ Christian Spiteri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “C1 sa C3” u “D1 sa D7”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-15 ta’ Gunju 2012 sad-data tal-effettiv pagament;

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet ix-xhud viva voce.

Rat in-nota tal-istess intimat li biha ammetta t-talbiet attrici.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, fil-kontumacja tal-konvenut, il-Qorti tilqa’ it-talbiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur, bl-ispejjez u imghaxijiet kif dedotti fl-istess rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Christian Spiteri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------